**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 490/2017/1**
**Appell Numru 490/2017/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Winston-Joseph Gera**
**Zhang Tianxia**

Illum 20 ta' Ġunju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Winston-Joseph Gera**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 239672(M), u **Zhang Tianxia**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 140367(A), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, fit-30 ta' Ottubru 2017, u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnhom,

ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. bi vjolenza jew theddid, inkluż is-serq ta' persuna, b'qerq jew ingann, użu ħażin ta' awtorita', influwenza jew pressjoni, u billi taw jew irċevew ħlasijiet jew benefiċċji sabiex jottjenu l-kunsens tal-persuni li kellhom l-kontroll fuq persuna oħra, ittraffikaw persuni ta' eta' u ċioè lil Shuang Zhai u Lili Wang bil-għan li dawn il-persuni jiġu sfruttati fil-produzzjoni ta' oġġetti jew fl-għoti ta' servizzi u kif ukoll għall-prostituzzjoni u dan bi ksur ta' Artikoli 248A, 248B u 248D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. f'xi żmien bejn Awwissu 2017 u Ottubru 2017, biex jissodisfaw iż-żina ta' ħaddieħor, ġiegħlu bil-vjolenza jew ħajjru b'qerq persuni tal-eta' u ċioè lil Shuang Zhai u Lili Wang għall-prostituzzjoni, liema delitt sar bħala drawwa jew bi ħsieb ta' qliegħ;

3. xjentement għexu għal kollox u/jew f'parti, minn fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' persuni oħra;

4. fl-istess dati, lok u ċirkostanzi żammew jew eżerċitaw jew kellhom sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokali ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekewentati għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali;

5. fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, kellhom ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u ħallew jew ippermettew li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali;

6. fl-istess dati, lok u ċirkostanzi bl-imġieba tagħhom ikkaġunaw lil Shuang Zai u Lili Wang il-biża' li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' tagħhom jew kontra l-

persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**<u>Lil Winston-Joseph Gera waħdu akkużat ukoll talli</u>**:

7. fit-30 ta' Ottubru 2017 f'dawn il-Gżejjer u/jew ġewwa San Ġiljan ikkommetta serq ta' *mobile phone* li huwa kkwalifikat, bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u ma jeċċedix l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin għad-detriment ta' Shuang Zhai u/jew ta' xi persuna/i, entita' u/jew entitajiet oħra;

8. fit-30 ta' Ottubru 2017 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer impjega jew ta xogħol lil persuni li ma kienux persuni eżenti u li ma kellhomx liċenzja mogħtija lilhom għal dak l-impjieg jew xogħol skont id-dispożizzjonijiet tal-Att ta' Immigrazzjoni (Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta), jew mod ieħor għen jew assista persuni eżenti fl-għemil ta' reat maħsub taħt Artikolu 32 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. fit-30 ta' Ottubru 2017 u fix-xhur ta' qabel, bħala l-persuna responsabbli tax-xogħol li kien qiegħed isir ġewwa l-Tian Oriental Massage Parlour, Yaun Oriental Massage Parlour, Mandarin Oriental Massage Parlour u Oriental Massage Parlour, impjega persuni li ma kienux ċittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u uffiċjali;

10. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi bħala prinċipal, jew il-persuna li impjegat persuni oħra, *full-time*, *part-time* jew xort'oħra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ b'dan l-impjieg kif hemm fl-Avviż Legali 110 tas-sena 1993 (3a u 10);

11. għamel użu mill-fond Tian Oriental Massage Parlour, Yaun Oriental Massage Parlour, Mandarin Oriental Massage

Parlour u Oriental Massage Parlour, għal skopijiet barra minn dawk l-iskopijiet liċenzjati għalihom u dan bi ksur ta' Regolamenti 7 u 18(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 409.08 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-liċenzja skont Regolament 23(1) tal-istess Leġiżlazzjoni, u ċioè bi ksur ta' Artikolu (1)(b) [sic!] ta' Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, irrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

F'każ ta' kundanna għal reat taħt din l-Ordinanza, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tħassar kull liċenzja li għandhom l-imputati dwar xi lukanda, alloġġ, ħanut jew fond ieħor skont Artikolu 14 tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, jogħġobha tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex waqt il-mori tal-kawża toħroġ Ordni ta' Imblukkar tal-proprjeta' tal-imputati *ai termini* ta' Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex wkoll, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll toħroġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull

piena li l-Qorti jidhrilha xierqa fil-konfront ta' Shuang Zai, Lili Wang u Phassada Wannipha u l-membri familjari tagħha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Diċembru 2020 fejn il-Qorti:

- <u>fil-konfront ta' Winston-Joseph Gera</u>: filwaqt li lliberatu mill-imputazzjonijiet numri sitta (6), tmienja (8), disgħa (9), għaxra (10) u ħdax (11) kif ukoll illiberatu wkoll mill-imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat iżda mhux minn dak ta' serq sempliċi,[1] wara li rat Artikoli 17(b) 18, 31, 205(b), 248A(1)(2)(3), 248B, 248E(1) u 284 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u Artikoli 7(1)(3), 8(1)(3) u 9 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta), sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u kkundannatu seba' snin u xahar priġunerija;

- <u>fil-konfront ta' Zhang Tianxia</u>: filwaqt li lliberataha mis-sitt (6) imputazzjoni, wara li rat Artikoli 17(b), 18, 31, 205(b), 248A(1)(2)(3), 248B, 248E(1) tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u Artikoli 7(1)(3), 8(1)(3) u 9 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta), sabitha ħatja tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u kkundannataha seba' snin priġunerija.

A tenur ta' Artiklu 14 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta), il-Qorti ħassret kull liċenzja li kellhom l-imputati (senjatament Winston-Joseph Gera) dwar il-*massage parlours* mertu ta' dawn il-proċeduri.

*Ai termini* ta' Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-konfiska favur tal-Gvern ta' Malta tal-*massage parlours* kollha u ċioè Tian Oriental Massage Parlour, Yuan Oriental Massage Parlour, Mandarin Oriental Massage Parlour u

[1] Rigward imputazzjoni numru sebgħa (7) instabet ħtija limitatament in kwantu għas-serq sempliċi.

Oriental Massage Parlour. A tenur tal-istess artikolu, il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-flejjes kollha ezebiti in vista tal-fatt li ddikjarat li ġie ppruvat u kkonfermat mill-istess imputati li l-uniku introjtu tagħhom kien minn dawn il-ħwienet.

L-Ewwel Qorti ddikjarat li ġiet prekluża milli tagħmel ordni *ai termini* ta' Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta in vista tal-fatt li ma ġiex determinat l-ammont globali tar-rikavat li ġie mir-reati li dwarhom nstabet il-ħtija.

Il-Qorti ordnat notifika tas-sentenza lill-Kummissarju għat-Taxxi sabiex jinvestiga d-dħul leġittimu tal-ħatja b'dan illi, wara rikors appożitu, kellu jingħata kopja tal-*VAT books* u kotba (inkluż *diaries*) eżebiti, kif ukoll kwalunkwe materjal ieħor eżebit li jidhirlu opportun għal dan il-għan. Il-Qorti ordnat li tali kopji kellhom isiru taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur tal-Qorti.

Il-Qorti ordnat notifika wkoll lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk jeżistux l-estremi legali għall-reat ta' *money laundering* fil-konfront tal-ħatja u għaldaqstant u sabiex ma jiġux stultifikati investigazzjonijiet potenzjali, hija ċaħdet it-talba għall-konfiska tad-dokumenti eżebiti.

B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputati jħallsu lir-Reġistratur tagħha s-somma ta' seba' mija u tmienja u sebgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€778.50) kull wieħed rappreżentanti spejjez peritali. Finalment sabiex ma tinħoloqx vittimizzazzjoni sekondarja fuq il-vittmi, il-Qorti ordnat divjet fuq isimhom fil-gazzetti lokali u fuq il-mezzi tax-xandir.

Rat ir-Rikors tal-appellanti Zhang Tianxia ppreżentat fit-30 ta' Diċembru 2020 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li* ***TIKKONFERMAHA*** *fil-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-appellanti ħatja tas-sitt imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u lliberataha minnha,* ***TĦASSARHA U TIRREVOKAHA*** *fil-parti tas-*

*sentenza fejn sabitha ħatja tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u b'hekk* ***TIDDIKJARAHA*** *mhux ħatja tagħhom konsegwentement* ***TILLIBERAHA*** *minnhom; u fin-nuqqas ta' dan* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat ir-Rikors tal-appellant Winston-Joseph Gera ppreżentat fit-30 ta' Diċembru 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li* ***TIKKONFERMAHA*** *fil-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet enumerati sitta (6), tmienja (8), disgħa (9), għaxra (10) u ħdax (11) kif ukoll mill-imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat iżda mhux minn dak ta' serq sempliċi, u tal-addebitu tar-reċidiva,* ***TĦASSARHA U TIRREVOKAHA*** *fil-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u b'hekk* ***TIDDIKJARAH*** *mhux ħati tagħhom u konsegwentement* ***TILLIBERAH*** *minnhom; u fin-nuqqas ta' dan* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dawn l-appelli ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata taż-żewġ appellanti eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet ir-reġistrazzjoni tax-xiehda mogħtija minn Winston-Joseph Gera fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2019 quddiem l-Ewwel Qorti.

Semgħet, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2024, lill-konsulenti legali jagħmlu sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm u dana b'żieda ma' dawk li kienu diġa' nstemgħu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar żewġ appelli minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-16 ta' Diċembru 2020. Filwaqt li appell minnhom huwa ta' Winston-Joseph Gera, l-appell l-ieħor huwa ta' Zhang Tianxia.

Illi fir-Rikors tal-appell rispettiv tagħhom, iż-żewġ appellanti jitolbu lil din il-Qorti sabiex teħlishom mill-imputazzjonijiet kollha li l-Ewwel Qorti sabithom ħati tagħhom bil-konsegwenza li teħlishom minn kull ħtija u piena. Fin-nuqqas jitolbu li din il-Qorti teroga piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi l-fatti tal-każ huma fil-qosor is-segwenti: fit-30 ta' Ottubru 2017 fl-Għassa ta' San Ġiljan ċerta Shuang Zhai għamlet rapport li hija kienet qed tiġi abbużata fuq il-post tax-xogħol u li fid-data tar-rapport l-imgħallem tagħha kien ħadilha l-*mobile*. Hija spjegat li kienet ħallset is-somma ta' madwar sebat elef u tmien mitt Euro (€7,800) sabiex tiġi Malta taħdem u malli ġiet Malta kien itteħdilha l-passaport. Spjegat li hija kienet taħdem bħala *massage therapist* ġewwa stabbiliment bl-isem *Oriental Massage*. Hija qalet li t-tfajla tal-imgħallem (*ossia* l-appellanti Zhang Tianxia) kienet tordnalha tagħmel pjaċiri sesswali lill-klijenti u li jekk ma tagħmilx tali pjaċiri hija kienet ser tisfa mkeċċija mix-xogħol u konsegwentement titlef il-jedd li toqgħod Malta. Spjegat ukoll li kienet taħdem mid-9.00am sal-10.00pm. Kompliet tgħid li hija ma kellhiex paga fissa u li kienet titħallas fuq bażi ta' kummissjoni b'dana li kienet titħallas ħames Euro (€5) għal kull ħamsa u għoxrin Euro (€25) li taqla'.

Illi minn naħa tagħhom l-appellanti jiċħdu kemm it-theddid kif ukoll il-fatt li huma kienu jġegħlu lill-kwerelanta tagħmel pjaċiri

sesswali lill-klijenti. L-appellant Gera fost affarijiet oħra jgħid ukoll li huwa kien kontra li jiġu offerti tali pjaċiri.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel din il-Qorti tipproċedi ulterjorment hija tinnota li meta f'kawża partikolari persuna tkun akkużata b'aktar minn imputazzjoni waħda jkun opportun li l-imputazzjonijiet ikunu enumerati waħda waħda wara xulxin meta jkunu hekk imniżżla fis-sentenza li eventwalment tiġi mogħtija. Jingħad hekk sabiex meta persuna tiġi biex taqra s-sentenza li eventwalment tingħata, persuna tkun taf eżatt liema imputazzjonijiet ġiet misjuba ħatja tagħhom u dawk li ġiet liberata minnhom (dejjem jekk il-persuna ma tkunx instabet ħatja tal-imputazzjonijiet <u>kollha</u> addebitati fil-konfront tagħha).

Illi fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jirriżulta li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti elenkat l-imputazzjonijiet waħda wara l-oħra hekk kif jirriżultaw fiċ-ċitazzjoni li kienet ġiet ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti b'dan illi dawn l-imputazzjonijiet ma ġewx enumerati waħda waħda wara xulxin. Għal kull buon fini filwaqt li jingħad li din il-Qorti ħadet ħsieb li aktar 'il fuq elenkat wara xulxin (bin-numri wara xulxin) l-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellanti allura imputat ġew akkużati bihom quddiem l-Ewwel Qorti, jingħad ukoll li fil-każ odjern jirriżulta li l-korp tas-sentenza appellata huwa maqsum b'numru ta' titoli u sub-titoli, fejn wara t-Titolu "VII. L-imputazzjonijiet" (*a fol.* 1197) hemm elenku wieħed wieħed tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taż-żewġ appellanti. Sa issa ma jirriżulta li hemm xejn difettuż fis-sentenza appellata.

Illi ma' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti żżid tgħid li miċ-ċitazzjoni jirriżulta li kien biss l-appellant Winston-Joseph Gera li kien akkużat li huwa reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jirriżulta wkoll mill-Artikoli hekk kif imniżżla mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju (*a fol.* 760) meta huwa bagħat l-Artikoli tal-liġi li skont

hu setgħet tinstab ħtija tagħhom fiż-żewġ appellanti allura imputati.

Illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti jirriżulta li qalet hekk dwar l-addebitu tar-reċidiva (*a fol.* 1234):

> "Filwaqt li Tianxia Zhang għandha fedina penali nadifa mhux l-istess jista' jingħad għal Winston Gera li mill-fedina penali tiegħu jirriżulta li mhux l-ewwel darba li xellef dufrejħ mal-ġustizzja. Kien biss f'żewġ okkażjonijiet f'Diċembru, 2003, li ġie kundannat għall-piena tal-multa, bil-bqija tas-sentenzi jirrigwardaw sanzjonijiet taħt l-Att dwar il-*Probation* jew ammendi. Għaldaqstant l-addebitu tar-reċidiva *ai termini* tal-Artikolu 50 ma jirriżultax fil-konfront ta' Gera."

Illi fid-*decide* tas-sentenza appellata, meta l-Ewwel Qorti semmiet l-Artikoli li nstabet ħtija tagħhom fil-konfront taż-żewġ persuni akkużati quddiemha, hija ma semmiet xejn fir-rigward tar-reċidiva li biha ġie akkużat l-appellant allura imputat Gera. L-Ewwel Qorti ssemmiet l-imputazzjonijiet li tagħhom Gera ġie liberat minnhom u mbagħad qalet li kienet qed issibu ħati *"tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha"*. Issa din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Mejju 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Zammit** (Numru 140/2013) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "8. L-appellant jgħid ukoll illi hemm nuqqas fatali wkoll għax l-Ewwel Qorti ma semmietx l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għalkemm sabet il-ħtija dwar ir-reċidiva. Hawn l-appellant m'għandux raġun peress illi r-reċidiva mhux reat, u l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellem dwar **"l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat"**. Naturalment, fejn si tratta ta' l-addebitu ta' reċidiva, ma jfissirx illi m'għandhomx jiġu ċċitati l-artikoli relattivi. Anzi din il-Qorti dejjem irriteniet illi

> anke f'dan il-każ għandhom jiġu ċitati. Mill-banda l-oħra n-nuqqas li jiġu ċitati ma jrendix is-sentenza nulla."

Illi dak li mhuwiex ċar għal din il-Qorti huwa jekk l-Ewwel Qorti sabitx lill-appellant Gera ħati tal-addebitu tar-reċidiva *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana peress li (kif ingħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza):

- l-appellant Gera kien akkużat bl-addebitu tar-reċidiva *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- fil-korp tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qalet biss li l-addebitu tar-reċidiva *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx jirriżulta fil-konfront ta' Gera u <u>ma tgħid xejn</u> fir-rigward ta' Artikolu 49 tal-istess Kapitolu msemmi;

- fid-*decide* tas-sentenza appellata ma saritx riferenza għal Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- fid-*decide* tas-sentenza appellata ma saritx riferenza għal addebitu tar-reċidiva *per se* però ingħad li l-Qorti kienet qed issib lill-imputat Gera *"ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha"*.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi filwaqt li din il-Qorti terġa' tagħmilha ċara li f'każ tal-addebitu tar-reċidiva ma jfissirx illi ma għandhomx jiġu ċċitati l-artikoli relattivi, anzi din il-Qorti rriteniet illi anke f'dan il-każ għandhom jiġu ċitati, pero' n-nuqqas *per se* li jiġu ċitati ma jrendix is-sentenza nulla. Minkejja dan, dak li għandha quddiemha din il-Qorti huwa

n-nuqqas ta' ċarezza msemmi aktar 'il fuq jekk l-appellant Gera nstabx ħati tal-imputazzjoni jew tal-addebitu tar-reċidiva kif msemmi aktar 'il fuq. Kien minħabba din ir-raġuni li fil-bidu tal-konsiderazzjonijiet tagħha din il-Qorti saħqet bl-importanza li l-imputazzjonijiet ikunu enumerati waħda waħda biex ikun hemm ċarezza dwar xiex wieħed ikun qed jitkellem u dwar xiex eventwalment wieħed ikun instab ħati jew liberat. Dan <u>kollu</u> jwassal għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali bħal ma wkoll huwa soġġett għall-istess ċensura n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' x'hix l-imputat ikun qed jinstab ħati. In fatti, fil-fehma ta' din il-Qorti dak li ngħad minnha fir-rigward tas-sentenza appellata jġib miegħu n-nullita' tas-sentenza appellata u dana peress li hi karenti fl-osservanza ta' formalita' essenzjali bi ksur ta' Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti jidhrilha illi n-nullita' hija waħda tali li timporta aktar milli ksur ta' formalita' essenzjali stante illi d-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberatorja tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat ma kienux ċari ma dak li ġie deċiż fir-rigward tal-appellant Gera.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa miż-żewġ appellanti fir-Rikors tal-appell rispettiv tagħhom. Filwaqt li dak imniżżel hawn fuq ma japplikax fir-rigward tal-appellanti Zhang Tianxia, ġialadarba s-sentenza appellata ser tiġi dikjarata nulla hija ser tiġi dikjarata nulla fir-rigward taż-żewġ appellanti.

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' April 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi pero' dan ma jwassalx għall-annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif qed jippretendi l-appellant fl-istess aggravju tiegħu. In-

> nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa u għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-Artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mill-ġdid fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata."

Illi dak li ngħad hawn fuq huwa proprju dak li ser tagħmel din il-Qorti u li sar ukoll f'diversi sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fosthom dik mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage** (Numru 464/2010).

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda *ex officio* tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellanti jerġgħu jitpoġġew fil-pożizzjoni li kienu immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**